MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 1876/2002

**Joseph u Spiridiona konjugi Pace**

**Vs**

**Caroline Grech u b'digriet tat-13 ta' Jannar 2003 gie msejjah fil-kawza John Scicluna.**.

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta' erba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija (Lm421), danni li soffrew f'incident tat-traffiku li sehh fis-6 ta' Gunju 2002 meta l-Volkswagen Polo numru CAK 514 misjuqa mill-konvenuta baqghet diehla fuq il-vettura Morris bin-numru BBA 016 tal-atturi li kienet ipparkjata wara darhom u spiccat imkaxkra u mtella' in parti fuq bankina.

Rat ir-risposta tal-konvenuta li permezz taghha kkontesta ir-responsabbilta ghall-incident in kwistjoni.

Ra d-digriet tat-13 ta' Jannar 2003 li permezz tieghu gie msejjah fil-kawza John Scicluna, xufier tal-vann numru KBA 437 li deher ghas-seduti u kkontesta r-responsabbilta.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:-

1. Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

(a) Il-vettura ta' l-atturi (BBA 016) kienet ipparkjata gewwa Triql-Ghid, Siggiewi.

(b) Ftit iktar il-fuq kien hemm, fuq in-naha l-ohra tat-triq, il-vann bin-numru KBA 437 ta' l-imsejjah fil-kawza.

(c) Il-vettura CAK 514 [misjuqa mill-konvenuta] kienet niezla min-naha fejn kien hemm il-vann ipparkjat.

(d) F'hin minnhom il-vettura CAK marret fuq in-naha l-ohra tat-triq u baqghet diehla fil-vettura ta' l-atturi.

2. Il-fatti jikkonfermaw li l-konvenuta hija *prima facie* responsabbli ghad-danni li garrbet il-vettura ta' l-atturi li fil-hin ta' l-incident kienet ipparkjata. Min-naha taghha l-konvenuta pprovat tahrab mir-responsabbilta billi qalet [ara l-okkorrenza tal-ufficjal tal-pulizija li investiga l-kaz] li l-imsejjah fil-kawza kien tellifha l-kontroll tal-karrozza tagha meta qala' mill-posizzjoni ta' *parking* hekk kif ghaddiet minn hdejh.

3. Sfortunatament ghall-konvenuta hija naqset milli tidher quddiem it-Tribunal u tati l-verzjoni tal-fatti bil-gurament. Min-naha tieghu l-imsejjah fil-kawza cahad kategorikament li saq il-vann hekk kif kienet ghaddejja l-Volkswagen Polo misjuqa mill-konvenuta. Anzi qal li din il-vettura kienet qeghda tinstaq b'velocita qawwija. Il-pulizja li investiga l-kaz [PS 238 Michael Carter] xehed fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2003 u kkonferma li l-imsejjah fil-

kawza qallu *"illi l-vettura CAK 514 kienet qeghda tinstaq b'velocita qawwija u li kif waslet hdjen il-van hi gibdet fuq il-lemin biex tevitah. Is-sewwieq ta' KBA 437 cahad kategorikament illi l-vann kien miexi. Niftakru jghidli li tant m'ghandux jitlef, li baqa' fuq il-post jistenna lill-pulizija jaslu; qal ukoll illi li kieku kellu x'jitlef kien jaqbad u jitlaq minn fuq il-post. Qalli wkoll li stennieni biex jaghtina l-verzjoni tieghu"*.

4. Ghalkemm it-Tribunal ghandu certi rizervi dwar il-mod kif xehed l-imsejjah fil-kawza, madankollu l-konvenuta naqset milli tidher u taghti l-verzjoni tal-fatti. Dan iktar u iktar meta ma tressaq l-ebda xhud oculari ghall-incident. L-oneru tal-prova jinkombi fuq il-konvenuta u ghalhekk kellha tressaq il-provi sabiex issostni t-tezi taghha. Jinghad ukoll li l-fatt li l-imsejjah fil-kawza kienet ipparkjat hazin fit-triq ma kienx il-kagun ta' l-incident. L-uniku haga, min-naha ta' l-imsejjah fil-kawza, li setghet twassal ghar-responsabbilta ta' l-imsejjah fil-kawza kien jekk huwa ostakola lill-konvenuta fis-sewqan taghha. Madankollu minn jallega jrid jipprova, u l-konvenuta naqset milli tressaq provi.

5. B'riferenza ghad-danni reclamati, dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija [Lm421], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------